

Brussell, 19 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15499/17

AGRI 683
AGRIFIN 131
FIN 850

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 10/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Jenħtieġ li l-appoġġ li jingħata mill-UE lil bdiewa żgħażaġh ikun immirat aħjar biex jitrawwem tiġdid ġenerazzjonali effettiv" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Diċembru 2017)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

ir-Rapport Speċjali Nru 10/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu: "Jenħtieġ li l-appoġġ li jingħata mill-UE lil bdiewa żgħażaġh ikun immirat aħjar biex jitrawwem tiġdid ġenerazzjonali effettiv"

adottati mill-Kunsill fit-3590 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Diċembru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 10/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu:

"Jenħtieġ li l-appoġġ li jingħata mill-UE lil bdiewa żgħażaġh ikun immirat aħjar biex jitravwem tiġdid ġenerazzjonali effettiv"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 10/2017 tal-Qorti, li jivvaluta jekk l-appoġġ tal-UE għall-bdiewa żgħażaġh hux imfassal tajjeb biex jikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tiġdid ġenerazzjonali;
- (2) JINNOTA r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li:
 - a) rinfurzar tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u d-definizzjoni tal-obiettivi rigward it-travwim tat-tiġdid ġenerazzjonali jista' jtejjeb il-loġika tal-intervent għat-tiġdid ġenerazzjonali;
 - b) għażla aħjar ta' proġetti u l-użu tal-pjanijiet ta' negozju jistgħu jirriżultaw f'miżuri mmirati aħjar;
 - c) l-aħjar prassi mfassla mill-Istati Membri jistgħu jintużaw bħala sisien għat-titjib tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri;
- (3) JAGĦRAF li, fl-iżvilupp tas-settur tal-biedja fl-UE kollha, għad hemm problema bl-isfida demografika, jiġifieri li jintlaħaq it-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu;

- (4) IQIS li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa influwenzat, fost l-oħrajn, mis-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ġenerali, il-possibilitajiet ta' impjiegi f'setturi għajr l-agrikoltura, l-aċċess għal art agrikola u sorsi ta' finanzjament, opportunitajiet ta' żvilupp għall-bdiewa u politiki b'rabta mal-ħruġ tal-bdiewa anzjani;
- (5) JEMMEN li l-kwistjoni tat-tiġdid ġenerazzjonali tista' teħtieġ azzjonijiet komplementari u kkoordinati fl-oqsma tal-politika agrikola u rurali¹, li għandu jkollhom rabta mal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali aktar ġenerali, b'kont meħud tal-interessi kemm tal-bdiewa li jirtiraw kif ukoll tas-suċċessuri żgħażaġħ;
- (6) JENFASIZZA li qafas ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażaġħ huwa element importanti tal-PAK;
- (7) JILQA' l-ħsieb tal-Kummissjoni li tagħmel evalwazzjoni u tippubblika rapport fl-2018 dwar l-impatt tal-PSK u l-interventi komplementari mill-Istati Membri dwar it-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu tal-UE;
- (8) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkunsidra l-effetti partikolari fuq il-bdiewa żgħażaġħ meta tħejji inizjattivi leġislattivi ġodda għall-PAK ta' wara l-2020 sabiex jiġi stimulat it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura.

¹ Il-QEA ssemmi f'dan ir-rigward il-bżonn ta' koordinazzjoni mill-qrib bejn l-iżvilupp rurali u l-pilastru tal-pagament dirett fil-qafas agrikolu leġislattiv attwali, jiġifieri l-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u l-Artikoli 50 u 51 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.